MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Numru 651/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Christopher Pullicino)**

**v**

**Alvin Abela ta' 32 sena iben**
**Grezzju u Maria nee Fava, imwieled**
**Pieta' fit-12 ta' Settembru, 1973, u joqghod**
**Caravel Court, Flat 8, Triq Birkirkara, San Giljan**
**detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 449473 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Alvin Abela li gie akkuzat talli nhar l-24 ta' Gunju, 2006 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-ata, f'Tas-Sliema jew f'imkejjen ohra f'Malta, meta kellu f'idu passaport mahrug lilu minn awtorita'

kompetenti jew le, ttrasferixxa dak il-passaport lil persuna ohra u dan ai termini tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hinijiet, postijiet u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jku, ghen jew assista,ta parir jew habrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta’ Malta, jew li sew f’Malta sew barra minn Malta, ikkongurja f’dak is-sens ma’ xi persuna ohra u dan ai termini tal-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat minnu rregistrata fis-26 ta’ Jannar, 2007.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu fis-seduta tal-llum 31 ta’ Jannar, 2007.

Issibu hati wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitlu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 337A tal-Kapitlu 9.

Rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------